**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 100/2021 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali [166A] Numru 1814/2020 u l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 610/2021 fl-ismijiet:-**

**Architecture 360 Limited**

**-Vs-**

**Mario Camilleri**

**Illum 21 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Mario Camilleri pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' April 2021 fejn gie premess:-

"Illi l-esponenti kien ġie notifikat permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Settembru 2020 bin numru 1814/2020 fejn kien ġie mitlub biex iħallas is-somma ta' erba' mija u sitta u erbgħin ewro u erba' centezmi (€446.04) għal servizzi li skond il-fattura annessa mal-ittra ufficjali ġew rezi fix-xahar ta' Lulju 2019;

Illi prelininarjament l-esponenti jiċħad li huwa debitur ta' Architecture 360 Limited;

Illi l-ittra Ufficjali datata 10 ta' Settembru 2020 bin-numru 1814/2020 mhix valida fil-liġi;

Illi dan peress l-ittra ufficjali bin-numru 1814/2020 ma ġietx notifikata lil esponenti skond id-dettami tal-liġi hekk kif rikjesti fl-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-kopja tal-ittra ufficjali fuq su riferita ma ġietx imħollija la fil-lok fejn joqgħod jew jaħdem tal-esponenti jew fid-dar jew f'idejn xi hadd fis-servizz tal-esponenti jew f'idejn il-prokuratur tiegħu jew xi persuna awtorizzata minnu sabiex jircievi l-posta tieghu;

Illi fil-verita' din l-ittra tħalliet ma ġar anzjan bi problemi ta' saħħa varji u li ma kellu ebda awtorizzazjoni li jaccetta din l-ittra;

Illi din l-ittra ġiet f'idejn l-esponenti meta kien diġa għadda it-terminu ta-30 ġurnata;

Illi ukoll hemm diskrepanzi bejn dak li iddikjarat il-pustiera illi qassmet l-ittra u dak li iddikjarat il-Marixall Carmela Magro. Għax filwaqt illi l- pustiera (Emma) iddikjarat illi innotifikat lil certu Joe Bajada, il-Marixxal iddikjarat illi ġie innotifikat Mario Camilleri;

Għaldaqstant l-esponenti jitlob lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali datata 10 ta' Settembru 2020 bin-numru 1814/2020 hija nulla u bla effett fil-liġi fil-konfront ta' Mario Camilleri, u konsegwentament it-titolu esekuttiv vantat min Architecture 360 Limited huwa għalhekk null u bla effett fil-liġi;

2. Konsegwentament tiddikjara u tiddecidi li l-Mandat ta' Sekwestru numru 610/2020 fl-ismijiet Architecture 360 Limited vs Mario Camilleri huwa null u bla effett fil-liġi konfront ta' l-istess Mario Camilleri.

*Bl-ispejjez kontra Architecture 360 Limited."*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2021 fejn wara li ordnat inter alia, li r-Rikors jigi notifikat lis-socjeta` ezekutanti li nghatat terminu biex twiegeb, appuntat ir-Rikors ghas-smigh;

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta` Architecture 360 Limited fejn gie eccepiet is-segwenti:-

1. Illi din hija risposta għar-rikors prezentat minn Mario Camilleri ai termini tal-Artikolu 166A(5), u wara digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Mejju 2021 li tat (5) ijiem zmien għal prezentata tar-risposta tal-istess soċjeta' esponenti;

2. Illi fl-10 ta' Settembru2020, is-soċjeta' esponenti Architecture 360 Limited prezentat ittra uffiċjali 166A (nru 1814/2020) kontra Mario Camilleri għall-ħlas dovut għal servizzi professjonali ta' arkitettura rezi lilu mis-soċjeta' esponenti;

3. Illi din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lil Mario Camilleri fis-16 ta' Settembru 2020, u dan naqas milli jipprezenta risposta fi zmien (30) ġurnata kif jirrikjedi l-Artikolu 166A(3) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fir-risposta tardiva tiegħu, Mario Camilleri ma kkontestax in-notifika, filfatt lanqas biss ikkummenta dwar in-notifika;

5. Illi di piu, Mario Camilleri prova jqarraq bis-soċjeta' esponenti u bil-Qorti stante illi r-risposta tardiva tiegħu ġiet datata entro t-terminu ta' tletin (30) ġurnata, mentri ġiet ipprezentata wara li kienu għaddew it-tletin (30) ġurnata!

6. Illi meta ntebaħ li s-soċjeta' esponenti ma waqgħetx għall-qerq tiegħu, Mario Camilleri ntavola dan ir-rikors sabiex mingħalih jattakka l-ittra uffiċjali 166A li saret skond il-liġi;

7. Illi l-ittra uffiċjali 166A saret in linea ma' dak li tirrikjedi l-liġi, u ġiet reza ezekuttiva skond il-liġi;

8. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe kaz, l-oneru tal-prova jaqa' fuq Mario Camilleri sabiex jipprova li n-notifika tal-ittra uffiċjali 166A ma saritx skond id-dettami tal-liġi u li l-ġar li miegħu allegatament tħalliet l-ittra, ma kienx awtorizzat jaċċetta n-notifika f'isem Mario Camilleri;

Ghaldaqstant u in vista ta' dak eċċepit, s-soċjeta' esponenti Architecture 360 Limited umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha ta' Mario Camilleri, bl-ispejjez kontra tieghu."

Semghet ix-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2021 u semghet lill-partijiet fl-istess seduta jiddikjaraw illi ma ghandhomx iktar provi xi jressqu ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2021;

Rat illi r-Rikors gie mholli ghal-lum sabiex jinghata provvediment finali;

Ikkunsidrat ;

Il-procedura odjerna hija procedura istitwita a tenur ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex it-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta` ezekutanti fil-konfront tar-rikorrent Mario Camilleri, bis-sahha ta' l-ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 10 ta' Settembru 2020 bin-Numru 1814/2020, jigi mhassar u dikjarat null u bla effett.

Ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tilqa' talba ghar-rexxissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita` ta' titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta' ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A, jehtieg illi r-rikors jigi pprezentat mid-debitur fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu. Jehtieg ukoll li l-Qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss, jew li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ta' l-Artikolu 166A.

L-Artikolu 166A(5) jipprovdi testwalment is-segwenti:-

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).*

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti jirrizulta li r-rikorrent jibbaza t-talba tieghu ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni, unikament fuq in-nuqqas ta' notifika valida tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Settembru 2020 a tenur tal-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kap. 12.

Is-socjeta` ezekutanti topponi ghat-talbiet tar-rikorrent billi ssostni li n-notifika tal-ittra ufficjali bin-numru 1814/2020 lir-rikorrent Mario Camilleri fis-16 ta' Settembru 2020, hija wahda valida tant illi huwa naqas milli jikkontesta l-validita` tan-notifika

fir-risposta li giet ipprezentata minnu tardivament in linea ta' kontestazzjoni tal-istess ittra ufficjali. Issostni wkoll illi r-rikorrent ipprova jqarraq bis-socjeta` ezekutanti ghaliex fir-risposta tieghu ipprezentata fid-19 ta' Ottubru 2020, huwa indika d-data tar-risposta bhala 16 ta' Ottubru 2020, cioe` data li kienet entro t-terminu ta' tletin gurnata stipolata mil-ligi min-notifika tal-ittra ufficjali. In konkluzjoni is-socjeta` ezekutanti sahqet li l-prova li n-notifika tal-ittra ufficjali m'hijiex valida, tispetta lir-rikorrent.

Ikkunsidrat;

Illi tibda billi tosserva li kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u ghalhekk, jehtieg li r-regoli procedurali jigu osservati rigorosament u *ad unguem*. Konformament, ir-rekwizit ta' notifika valida huwa wkoll ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali l-procedura ghan-notifika ta' att gudizzjarju ghandha tigi osservata "*aIla lettera e non per equipollens".* Fil-kaz ta' ittra ufficjali pprezentata skont il-procedura mahsuba fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12, billi din m'hijiex semplici interpellazzjoni ghall-hlas izda procedura specjali mahsuba ghall-otteniment ta' titolu ezekuttiv kontra d-debitur, jinghad li huwa appuntu bis-sahha tan-notifika skont il-ligi tal-att lill-istess debitur, li jiskatta d-dritt moghti lilu biex jikkontesta l-pretensjoni u jevita l-effetti legali gravi li jiskaturixxu f'kaz li l-ittra ufficjali ma tigix kontestata, ossia li din issir titolu ezekuttiv. Dan hu wkoll konformi mal-principju l-aktar fondamentali tal-gustizzja naturali li jirrikjedi *ad validitatem* in-notifika ta' min ikun imsejjah in gudizzju.

Ghandu jinghad li l-ligi fl-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kap. 12 hija cara fis-sens li d-difiza li d-debitur ma kienx jaf bl-ittra ufficjali tista' tirnexxi biss jekk jigi ppruvat li ma kienx notifikat kif imiss u ghalhekk, m'huwiex bizzejjed li d-debitur jipprova li huwa ma kienx jaf bl-att jekk il-konsenja tal-istess att saret skont ir-regoli tal-procedura tan-notifika ta' atti gudizzjarji.

Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi diversi metodi ta' notifika. Fl-ewwel lok, is-subartikolu (1) tal-Artikolu 187 jiddixxiplina b'mod generali n-notifika tal-atti jew skritturi gudizzjarji fis-sens li jipprovdi kif din tista' ssir, u wara li jenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata, jikkontempla wkoll il-kazijiet fejn in-notifika tista' ssir anke bil-konsenja tal-att mhux direttament lill-persuna li ghandha tigi notifikata, purche` jigu osservati r-rekwiziti specifici mfissra fis-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 187 dwar fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla. Dan jipprovdi hekk:-

*(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*

Kif rilevat fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 1927 fl-ismijiet **Alessandro Delhin vs Antonio Darmanin et**, il-Qorti tal-Kummerc qalet "*da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima*.";

L-Att XXIV tal-1995 li emenda l-Kap. 12 u tibdiliet legislattivi ohra li saru qablu, estenda l-lista tal-persuni li maghhom il-kopja tal-att jista' jithalla. Madanakollu, l-istess hsieb formulat fl-imsemmija sentenza jibqa' wiehed validu. Kemm hu hekk,

fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Cachia nomine vs Salvino Sullivan et noe**[1] jinghad dan:-

"*Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija intiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sija lill-persuna fizika sija lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota marginali li hemm mal-imsemmija disposizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qed tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda*".[2]

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti tosserva li fir-Rikors promotur ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaf bl-ittra ufficjali, ghaliex din giet imhollija f'lok li mhuwiex ir-residenza tieghu jew l-indirizz postali tieghu u lanqas il-post tax-xoghol tieghu u per di pju`, l-ittra ma thallietx f'idejn membru tal-familja jew f'idejn xi hadd fis-servizz tieghu jew f'idejn il-prokuratur tieghu jew xi persuna awtorizzata minnu biex jircievi l-posta tieghu. Skont ir-rikorrent, l-att gudizzjarju in dizamina thalla f'idejn gar anzjan li ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni biex jirceivi l-posta tieghu f'ismu.

Ikkunsidrat;

Effettivament, mill-provi mressqa mir-rikorrent fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2021, senjatament mix-xhieda ta' Emmanuela D'Anastasi u Joseph Bajada, jirrizulta abbundantement illi l-att gudizzjarju in dizamina gie konsenjat mill-ufficjal tal-posta mhux lir-rikorrent izda lill-imsemmi Joseph Bajada fis-16 ta' Settembru 2020 - kif del

[1] Deciza mill-Qorti tal- Appell fis- 27 ta' April 1987.

[2] Citata milll-Qorti tal- Appell Sede Inferjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella** deciza fit-12 ta' Mejju 2003.

resto jirrizulta mill-kopja tal-*pink card* li tinsab a fol. 11 tal-atti. Dan maghdud il-fatt li l-ittra ufficjali ma gietx konsenjata lil Joseph Bajada gewwa r-residenza tar-rikorrent gewwa Flat 4, Fairfield Court, Triq il-Mithna, Birkirkara, **izda gewwa l-garaxx ta' Joseph Bajada, liema garaxx jinsab bieb ma' bieb mal-imsemmi blokk ta' appartamenti, Fairfield Court**, fejn jirrisjedi wkoll l-istess Joseph Bajada.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi ghalkemm Joseph Bajada kien joffri huwa stess lill-ufficjali tal-posta li jaccetta ghan-nom tar-residenti l-ohrajn ta' Fairfield Court, il-posta registrata taghhom u dan sabiex ikun ta' ghajnuna u servizz lill-girien tieghu, huwa kien inghata struzzjonijiet specifici minghand ir-rikorrent Mario Camilleri biex ma jibqax jaccetta l-konsenja l-post registrata tieghu u jiffirma ghaliha. Kemm hu hekk, fix-xhieda tieghu, Joseph Bajada afferma li effettivament, huwa kien gie mgharraf hafna zmien qabel mir-rikorrent biex ma jibqax jaccetta ghan-nom tighu l-posta registrata li tkun indirizzata lilu, izda qal ukoll li minhabba illi jbati minn problemi ta' memorja, huwa gieli nesa dawn l-istruzzjonijiet u baqa' jaccetta l-konsenja tal-posta registrata tar-rikorrent, kif del resto ghamel fil-kaz tal-att gudizzjarju lilu konsenjata fis-16 ta' Settembru 2020.

Minn dan kollu l-Qorti ftit ghandha rizervi biex tikkonkludi illi minkejja l-fatt illi fir-referta maghmula mill-purtier Carmela Magro fit-18 ta' Settembru 2020 jinsab dikjarat li l-ittra ufficjali in dizamina giet notifikata lir-rikorrent Mario Camilleri fis-16 ta' Settembru 2020, il-provi juru mod iehor, cioe` illi l-att gudizzjarju ma giex, wara kollox, imqassam lir-rikorrent u lanqas gie notifikat lilu fl-indirizz Flat 4, Fairfield Court, Triq il-Mithna, Birkirkara kif indikat fl-atti. Huwa stabbilit mill-provi li dan l-att gudizzjarju gie kunsinnat lil terza persuna gewwa fond distint u separat mir-residenza tar-rikorrent, liema fond evidentement m'huwiex il-lok fejn joqgħod jew jaħdem jew il-post tax-xogħol jew l-indirizz postali tar-rikorrent. B'zieda ma' dan, il-Qorti fehmet illi Joseph Bajada, li lilu gie kunsinnat l-att gudizzjarju, m'huwiex membru tal-familja tar-rikorrent jew persuna fis-servizz tieghu u lanqas m'huwa l-prokuratur tieghu jew persuna awtorizzat mir-rikorrent biex jircievi l-posta tieghu.

F'kull kaz, jirrizulta wkoll illi l-att in dizamina ma nghatax direttament lir-rikorrent izda thalla mill-imsemmi Joseph Bajada fit-tarag tal-komun tal-blokk appartamenti fejn ghandu r-residenza tieghu ir-rikorrent, bil-konsegwenza li dan l-att gie a konjizzjoni tal-istess rikorrent wara diversi granet tant illi huwa ma sehhlux jipprezenta n-nota ta' kontestazzjoni qabel l-gheluq tat-terminu ta' tletin gurnata stipolat fl-Artikolu 166A(3) tal-Kap. 12.

Maghdud dan kollu, hu sodisfacjentement ippruvat li r-rekwiziti tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 ma gewx osservati kwantu ghan-notifika tal-ittra ufficjali in dizamina lir-rikorrent u ghalhekk, in-notifika ma saritx b'mod validu skont il-ligi.  Konformement, il-Qorti hija sodisfatta li t-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta` ezekutanti a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A(4) tal-Kap. 12, gie hekk miksub ghaliex id-debitur, ir-rikorrent odjern, ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx tabilhaqq notifikat kif imiss kif mahsub fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12.  Ghaldaqstant, il-Qorti tirravviza f'dan il-kaz, l-estremi kontemplati mil-ligi fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghar-rexxisjoni tat-titolu ezekuttiv miksub mis-socjeta` ezekutanti.

Ikkunsidrat ;

Illi r-rikorrent talab ukoll, fir-Rikors tieghu, dikjarazzjoni ta' nullita` tal-ittra ufficjali li bis-sahha taghha gie miksub it-titolu ezekuttiv kontestat f'dan il-procediment. Madanakollu, il-Qorti tqis illi din it-talba m'hijiex f'lokha ghaliex il-ligi fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 imkien ma tipprospetta n-nullita` tal-ittra ufficjali nnifisha b'effett tal-applikazzjoni ta' wahda mill-istanzi mahsuba fl-Artikolu 166A(5)(i) jew (ii). Tipprospetta unikament **in-nullita` tat-titolu ezekuttiv** ottjenut bis-sahha ta' dik l-ittra ufficjali.  Hu ovvju li l-ittra ufficjali fiha nnifisha m'hijiex nulla, ghaliex in-nullita` tal-ittra ufficjali ipprezentata ghall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 hija espressament ravvizata u dikjarata mil-ligi biss u unikament mis-subartikolu (3) tal-istess Artikolu 166A, f'kaz li tkun nieqsa s-segwenti intimazzjoni lid-debitur li hija mehtiega « *taht piena ta' nullita`* » : *li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu*

*jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv*, u fil-kaz prospettat fl-Artikolu 166A(3)(e) fin-nuqqas ta' notifika lill-assigurazzjoni awtorizzata.

Izda dan m'huwiex il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ghaliex ir-rikorrent ma jsejjisx it-talba tieghu fir-Rikors fuq in-nuqqas tal-imsemmija intimazzjoni lid-debitur u lanqas m'hu applikabbli ghall-kaz in dizamina, in-notifika mehtiega skont l-imsemmi paragrafu (e) tal-Artikolu 166A(3). Hija l-fehma tal-Qorti li huwa biss in-nuqqasijiet ravvizati f'dawn l-istanzi li jgibu l-effett tan-**nullita` tal-ittra ufficjali *ut sic***. Fil-kazijiet l-ohra kollha msemmija fl-Artikolu 166A(5), il-ligi tipprospetta l-konsegwenza specifika ta' nullita` tat-titolu ezekuttiv u mhux tal-ittra ufficjali fiha nnifisha u ghaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li fil-kaz in dizamina, in-nuqqas ta' notifika valida tal-ittra ufficjali itellef l-effett taghha **hlief** bhala titolu ezekuttiv, ossia biss kwantu ghall-konsegwenzi partikolari tat-thaddim tal-procedura specjali mahsuba fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Wara kollox, in-nuqqas ta' notifika valida ma jeskludix l-ipotesi ta' notifika valida sussegwenti.

B'zieda mal-premess, ma jirrizultax illi c-cirkostanzi tal-kaz in dizamina jinkwadraw taht xi wahda mill-erba' cirkostanzi tassattivi ravvizati mill-Artikolu 789 tal-Kap. 12 u kif inhuwa pacifikatament ritenut, biex l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid necessarjament taqa` fil-parametri ta` xi wahda minnhom. L-Artikolu 789 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk :-

*« (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjaliespressament meħtieġa mil-liġi:…"*

F'kull kaz, eccezzjoni ta' nullita` ghandha dejjem tigi interpretata ristrettivament sabiex fejn possibbli, l-att gudizzjarju jigi sanat.

Fid-decizjoni moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1997 fl-ismijiet **Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri**, inghad :

*"In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi. »*

Ghaldaqstant, it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tal-ittra ufficjali ma tistax tigi milqugha.

Ikkunsidrat ;

Mandakollu, ghal dak li jikkoncerna t-tieni talba tar-rikorrent ghan-nullita` tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv bin-numru 610/2021, il-Qorti tqis li peress li evidentement, il-hrug ta' dan il-Mandat inkiseb billi gie invokat it-titolu ezekuttiv miksub bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A(4) tal-Kap. 12 applikati ghall-ittra ufficjali in dizamina, **it-thassir u rexxissjoni ta' dan it-titolu ezekuttiv necessarjament iwassal ghan-nuqqas ta' wiehed mill-elementi essenzjali mehtiega *ad validitatem* mill-Artikolu 274 tal-Kap. 12** ghall-hrug tal-atti msemmija mill-Artikolu 273 tal-istess Kap. 12 li bihom tista' ssir l-ezekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi. **Konsegwentement, galadarba huwa null it-titolu ezekuttiv li in bazi tieghu nhareg il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv bin-numru 610/2021, jikkonsegwi necessarjament li huwa wkoll null l-istess Mandat**.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li qieghda tichad it-talba ghan-nullita` tal-ittra ufficjali Numru 1814/2020 datata 10 ta' Settembru 2020, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent limitatament billi tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficjali Numru 1814/2020 datata 10 ta' Settembru 2020, kif ukoll il-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv bin-Numru 610/2021 ottenut bis-sahha tal-imsemmi titolu ezekuttiv, u konsegwentement, tirrexxindi t-titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha tal-ittra ufficjali bin-numru 1814/2020, kif ukoll il-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 610/2021.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu bla taxxa.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**